# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 18 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 519/2024 JPG**
**Kawza nru.: 7**

**LRT**
**Vs**
**WCT**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' LRT datata 21 ta' Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) f'Swindon* Council Registry Office *fir-Renju Unit [Vide* ***Dok. A****];*

*Illi dana z-zwieg gie konsegwentement rregistrat fil-Gzejjer Maltin fis-sena elfejn u erbatax (2014) [Vide* ***Dok. B****];*

*Illi minn dana z-zwieg twieled il-minuri BT nhar X ;*

*Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. David Joseph Borg nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) [Vide* ***Dok. C****];*

*Illi ma' hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-esponenti qiegħda tipprezenta kopja tal-Affidavit tagħha li qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. LRT01****;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta];*
*Illi l-esponenti taf b'dawna l-fatti personalment;*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-intimat WCT datata 5 ta' Marzu 2025 fejn ikkonferma li m'ghandhux oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 64);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit a fol 58)** illi l-kontendenti izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fi *Swindon Council Registry Office*, fir-Renju Unit. Iz-zwieg gie registrat Malta fis-sena elfejn u erbatax (2014). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 28 ta' Lulju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr David Joseph Borg. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (**vide affidavit a fol 65**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fir-Renju Unit u gie registrat Malta fis-sena elfejn u erbatax (2014) liema zwieg jgib certifikat numru 1251/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat 28 ta' Lulju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr David Joseph Borg (Vide Dok B a fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1251/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**